V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

Programm ta' tagħlim tul il-ħajja — Sejħa għall-proposti 2009 — DĠ EAC/31/08

(2008/C 255/07)

1. Għanijiet u deskrizzjoni

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-15 ta' Novembru 2006 (Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE) [1]. Il-programm ikopri l-perjodu bejn l-2007 u l-2013. L-għanijiet speċifiċi tal-programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja huma elenkati fl-Artikolu 1.3 tad-Deċiżjoni.

2. L-applikanti eliġibbli

Il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja japplika għat-tipi u l-livelli kollha ta' edukazzjoni u taħriġ u edukazzjoni vokazzjonali u huwa aċċessibbli għall-entitajiet kollha elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni.

L-applikanti jridu jkunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin [2]:

— is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (mill-1 ta' Jannar 2007),

— il-pajjiżi tal-EFTA-ŻEE: l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja,

— il-pajjiżi kandidati: it-Turkija.

3. Baġit u tul tal-proġetti

Il-baġit totali allokat għal din is-sejħa huwa stmat għal EUR 961 miljun.

Il-livell ta' għotjiet mogħtija kif ukoll it-tul tal-proġetti jvarjaw skond fatturi bħalma huma t-tip ta' proġett u l-għadd ta' pajjiżi involuti.

4. Id-data ta' għeluq għall-applikazzjonijiet

Id-dati ta' għeluq ewlenin huma kif ġej:

Karta Universitarja Erasmus	28 ta' Novembru 2008
Comenius, Grundtvig: **Taħriġ fuq il-post tax-xogħol**	
— l-ewwel skadenza	16 ta' Jannar 2009
— skadenzi oħrajn	30 ta' April 2009
	15 ta' Settembru 2009
Assistentati Comenius	30 ta' Jannar 2009

[1] http://europa.eu.int/eur-lex/lex/JOHtml.do?uri=OJ:L:2006:327:SOM:EN:HTML
[2] Għajr għall-programm Jean Monnet li huwa miftuħ għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla fid-dinja kollha.

Leonardo da Vinci: **Mobilità** (inkluż iċ-ċertifikat ta' mobilità Leonardo da Vinci) Erasmus: **Korsijiet Intensivi tal-Lingwa (EILC)**	6 ta' Frar 2009
Il-Programm Jean Monnet	13 ta' Frar 2009
Comenius, Leonardo da Vinci, Grundtvig: **Sħubijiet** Comenius: **Sħubijiet Comenius Regio** Grundtvig: **Workshops**	20 ta' Frar 2009
Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci, Grundtvig **Proġetti multilaterali, Netwerks u Miżuri ta' Akkumpanjament**	27 ta' Frar 2009
Leonardo da Vinci: **Trasferiment ta' Proġetti multilaterali ta' innovazzjoni**	27 ta' Frar 2009
Erasmus: **Programmi Intensivi** (IP), **Mobilità tal-istudenti għal studji u pjazzamenti** (inkluż iċ-ċertifikat ta' pjazzament ta' konsorzju Erasmus) u **Mobilità tal-persunal** (inkarigi ta' tagħlim u taħriġ tal-persunal)	13 ta' Marzu 2009
Grundtvig: **Assistentati, Proġetti ta' Volontarjat mal-Anzjani**	31 ta' Marzu 2009
Programm Trasversali	31 ta' Marzu 2009
Programm Trasversali: **Attività ewlenija 1 — Żjarat ta' studju**	9 ta' April 2009

5. **Id-dettalji kollha**

It-test kollu tas-"Sejħa Ġenerali għall-Proposti LLP 2008-2010: aġġornament 2009 — Sħubijiet Strateġiċi", flimkien mal-"Gwida tal-Programm LLP" u l-formoli ta' applikazzjoni, jinsabu fuq l-indirizz tal-Internet: http://ec.europa.eu/llp

L-applikazzjonijiet iridu jkunu konformi mat-termini kollha tat-test sħiħ tas-Sejħa u jridu jintbagħtu fil-formoli pprovduti.